MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 39/2013

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Mario Said**

**It-Tribunal:-**

Ra l-avviz tat-talba, tas-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tlett mija u erbgha u tletin Ewro u erbatax il-centezmu (€334.14), import ta' servizzi ta' telekommunikazzjoni. Dan bl-ispejjez kollha, kif mitlub u bl-imghaxijiet.

Ra illi l-konvenut debitament notifikat b'dan l-avviz prezenta risposta fis-sbatax (17) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) li fiha eccepixxa (1) l-inkapacita mentali tieghu sabiex jiffirma l-kuntratt li wassal ghal din il-kawza (2) illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u l-ammont ghalhekk mhux dovut.

Ra u sema l-provi mressqa u ra d-dokumenti esebiti.

Ra d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tas- sebgha (7) ta’ Mejju elfejn u erbatax (2014) li permezz tieghu din il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum

Ikkunsidra

Illi l-konvenut jeccepixxi l-inkapacita mentali tieghu. Il-konvenut inniffsu ma xhedx f’dawn il-proceduri izda ressaq b’xhud tieghu lil psikjatra kuranti tieghu Dr. John Borg. Mill-provi ma jirrizultax illi l-konvenut qatt kien interdett jew inabilitat (inkapicita legali) – ara f’dan il-kuntest is-sentenza Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Salvatore Psaila vs Marianna Parlar et ( 6 ta’ April 1957 Vol. XLI.ii.974). F’dik il-kawza l-qorti ghamlet distinzjoni bejn l-inkapacita legali u dik naturali: ‘ *Min jallega l-inkapacita naturali ta’ min ikkuntratta jehtieglu jipprova rigorozament li dak li ikkuntratta fiz-zmien tal-kuntratt impunjat, ma kellux l-uzu tar-raguni, cjoe l-infermita mentali ta’ dak il-kontraent kompleta u tali li teskludi fih kull volonta u kapacita tal-kunsens, b’mod li hu kien assolutament inkonsapevoli tal-atti li kien qieghed jaghmel. Fi kliem iehor, min jmpunja att maghmul minn persuna ohra minhabba inkapacita naturali ta’ dik il-persuna, jehtieglu jipprova li dik il-persuna kienet affetta minn infermita mentali totali u assoluta. Jekk ikun hemm xi dubbju dwar din l-inkapacita, ghandha dejjem tirbah il-prezunzjoni tal-kapacita stabbilita mil-ligi.’*

M’hemmx dubbju illi l-oneru tal-prova qieghed fuq il-konvenut. Kull perturbament tal-fakoltajiet mentali, diment li huwa gravi u jezisti fil-mument li jinghata l-kunsens , jista jwassal ghal l-ineffikacja tal-kuntratt:- *non puo’ esservi negozio giuridico, non puo esservi contratto, se la persona non era capace di volere e non aveva coscienza di cioe che dichiarava* (Introduzione alle Scienze Giuridiche e Istituzioni di Diritt Civile – De Ruggiero – 1912 – pag. 321)

It-Tribunal wara li kellu l-opportunita jisma dettaljatament lil psikjatra kuranti tal-konvenut, ma jistax jasal ghal xi tip ta’ konvinciment morali li fiz-zmien li sar il-ftehim l-konvenut kien qed ibghati minn xi mard mentali li kien jirrendieh inkapaci li jifhem x’kien qed jaghmel u li jiehu decizjonijiet dwar jekk kellu jidhol ghal l-obbligazzjoni jew le. Anzi dan it-tribunal hu tal-fhema illi l-konvenut kien jaf x’inhu jaghmel u voluntarjament ried li jidhol ghal dak il-kuntratt, fettex lil kontraent l-iehor hu, u fuq kollox ma kien hemm l-ebda inkapcita psikika li setghet tinibieh milli jifhem l-obbligazzjonijiet li kien ser jassumi. Dan it-tribunal aktar jemmen illi fid-dawl tal-karattru tieghu kif spejgat mill-psikjatra, l-konvenut xejn ma jiddejjaq juza l-iskuza ta’ l-inkapacita mentali tieghu biex jipprova jahrab l-obbligazzjonijiet kontrattwali tieghu wara li jkun gia gawda mill-frott ta’ l-obbligazzjonijiet kontratwali tal-kontraent l-iehor.

Fid-dawl ta’ dan kollu l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

Fil-mertu dan it-tribunal jemmen illi l-kumpanija attrici pruvat il-kaz taghha sal-grad li titlob il-ligi. Dan kemm permezz tad-dokumenti esebiti kif ukoll bix-xhieda ta’ l-ufficcjal taghha. Fit-trattazzjoni finali tieghu l-abbli difensur tal-konvenut jikkontendi illi l-hlas ghas-sett ta’ telefonija (mobile phone) ma ghandux ikun dovut stante illi ma

kienx il-konvenut li ttermina l-kuntratt. Dan it-Tribunal ma jikkondividx l-istess opinjoni. Il-kumpanija attrici giet kostretta illi twaqqaf is-servizz ghaliex il-konvenut ma kienx qed ihallas. Dan biex jigi minimizzat id-dannu kagunat min-nuqqas ta’ hlas. Ghalhekk it-terminazzjoni tal-kuntratt kien wiehed gustifikat u l-kawza u l-htija ta’ tali terminazzjoni kienet tinkombi biss fuq il-konvenut. Di piu kuntrarjament ghal dak argumentat mill-konvenut, il-kuntratt ma jistipulax illi t-terminazzjoni trid issir bilfors mill-konvenut, u ghalhekk ma jeskludix evinjenzi bhal dik odjerna fejn il-kumpanija attrici b’mod gustifikat tkun kostretta twaqqaf is-servizz, minhabba inadempjeza kontrattwali minn naha tal-parti l-ohra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddecidi din il-kawza billi jilqa’ t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-kumpanija attrici s-somma ta’ tlett mija u erbgha u tletin Ewro u erbatax il-centezmu (€ 334.14), bl-imghax mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz il-quddiem. Bl-ispejjez kollha kontra tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------